**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 15 ta' Frar, 2022

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**AĠENDA Numru 39**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 39 li ser tinżamm fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar it-Tlieta 22 ta' Frar, 2022 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Stephania Grixti**
Deputat Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
39.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
39.5 Rapporti;
39.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
39.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
39.8 Aġġornament dwar l-Ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv u Uffiċjal Ezekuttiv mal-Kunsill Lokali;
39.9 Aġġornament dwar it- Tender for the Street Sweeping and Community Cleansing in an Environmentally Friendly Manner in Qrendi;
39.10 Xiri ta' *Aircondition* għall-Uffiċċju Amministrattiv;
39.11 Sistema ta' Payroll għall-Uffiċċju Amministrattiv;
39.12 Performance Bonus għas-Sena 2021 tal-Ex Segretarju Eżekuttiv u l-Ex Clerk tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
39.13 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2021;
39.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
39.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tad-39 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta, 22 ta' Frar, 2022 fil-17:30, f'7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, u spiċċat fis-18:30.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja (bagħat raġuni permezz t'e-mail) |
| Kunsillier | Charles Zerafa (bagħat raġuni permezz t'e-mail) |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Stephania Grixti |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

39.1 <u>QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA</u>

39.1.1 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Viċi Sindku Patrick Bugeja bagħtu korrispondenza li ma jistawx jattendu għal-laqgħa.

39.1.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li jaċċetta dawn l-apoloġiji.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 39.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

39.2.1 Il-Minuti tat-38 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu ppproponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

39.2.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis ssekondat l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 39.3, 39.4 u 39.5 jiġu diskussi wara Minuta 39.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

## 39.6 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

39.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol miexi sew u jidher li ser ikun lest sad-datata tal-iskadenza.

39.6.2 Is-Sindku nforma ukoll l-kamra li l-perit tal-proġett ser ikun qed jgħaddilna kopja tal-ispeċifikazzjonijiet tat-tenders tal-bandli u l-lift sabiex inkunu nistgħu nibdew bil-*procurement*.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

39.7 **AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – HITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA**

39.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-proġett huwa lest u min-naħa tagħna bagħtna t-talba lill-Paying Agency sabiex ningħataw il-flus li ġew minfuqa fuq dan il-proġett skont il-ftehim li għandna iffirmat magħhom. Issa irridu nistennew li jiġu ffinalizzati l-affarijiet min-naħa tagħhom.

39.8 **AĠĠORNAMENT DWAR L-INGAĠĠ TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV U UFFIĊJAL EŻEKUTTIV MAL-KUNSILL LOKALI**

39.08.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Ġimgħa 25 ta' Frar 2022 ser ikolna l-intervisti tas-sejħa għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv.

39.08.2 Fir-rigward tas-sejħa tal-Uffiċjal Eżekuttiv, s-Sindku David Schembri qal li mill-impjegati li hemm ġewwa l-Kunsilli Lokali ma rċevejna ebda applikazzjoni u bħalissa qegħdin nirċievu applikazzjonijiet minn dawk li huma reġistrati ma' Jobsplus. Id-data tal-għeluq hija t-Tnejn 28 ta' Frar, 2022.

39.08.2.1 Ġie diskuss sabiex jinħatar bord għall-intervisti tal-Uffiċjal Eżekuttiv. Minħabba li ma hawnx preżenti l-membri tal-kunsill kollha, ser tintbagħad e-mail sabiex naraw min minnhom huwa interessat li jkun parti minn dan il-bord.

39.09 **AĠĠORNAMENT DWAR TENDER FOR THE STREET SWEEPING AND COMMUNITY CLEANSING IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER IN QRENDI**

39.09.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-fatt li għalkemm intbagħtu diversi ittri legali lill-kuntrattur tal-knis u ingħata d-dokumenti neċessarji, għadna la rċivejna l-bank guarantee u l-anqas ma ffirma l-kuntratt.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

39.09.2 Huwa ppropona li nibgħatulu ittra oħra legali fejn ninfurmawh li ser intugħ l-aħħar ċans sal-aħħar ta' Frar sabiex jirregolarizza ruħu, inkella ikolna nitterminaw s-servizz tiegħu.

39.09.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkelmet dwar il-fatt li dan l-istess kuntrattur qed iħalli l-karretti wara l-Momument tal-Gwerra li qed jidhru bħala *eye sore*.

## 39.10 XIRI TA' *AIRCONDITION* GĦALL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV

39.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li hemm bżonn li jinxtara aircondition għall-uffiċċju amministrattiv. Ressaq quddiem il-kamra tlett kwotazzjonijiet fejn hu rrakkomanda li għandha tingħata lill-offerent li normalment naħdmu bih, anke minħabba li l-prezz tiegħu huwa fost l-irħas.

39.10.1.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ippropona u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondat.

## 39.11 SISTEMA TA' PAYROLL GĦALL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV

39.11.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar software li jintuża sabiex jinħadmu l-payrolls tal-impjegati. Ressaq quddiem il-kamra proposal minn kumpanija li ġiet irrakkomandata lilna minn Kunsill Lokali minħabba li huma diġa jaħdmu b'din is-sistema.

39.11.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis saħqet li għandna nitolbu kwotazzjoni ta' tlett kumpaniji differenti u ssir l-approvazzjoni tiegħu ladarba jsir dan.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

39.12 **PERFORMANCE BONUS GĦAS-SENA 2021 TAL-EX SEGRETARJU EŻEKUTTIV U L-EX CLERK TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

39.12.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-ex impjegati tal-Kunsill huma intitolati għall-performance bonus għas-sena 2021 pro-rata u għalhekk irid jiġi deċiż liema persentaġġ ser jingħataw.

39.12.2 Huwa ppropona li ladarba hemm xi membri tal-Kunsill li ma setgħux ikunu preżenti għal-laqgħa, dawn il-*performance appraisals* jiġu diskussi f'laqgħa oħra tal-Kunsill

39.12.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimanent dwar din il-proposta.

39.13 **APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS 2021**

39.13.1 Is-Sindku qal li waslulna l-Unaudited Financial Statements sabiex jiġu diskussi u approvati waqt il-laqgħa, dan sabiex inkunu nistgħu nibdew bil-proċess tal-awditjar.

39.13.2 Ġie deċiż li dan jiġi diskuss waqt laqgħa b'urġenza li ser tkun il-Ħamis 24 ta' Frar sabiex il-Kunsilliera ikollhom iċ-ċans jaraw id-dokument.

39.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

39.3.1 Is-Sindku nforma l-kamra li ser jinħarġu xi miżuri minn GAL Xlokk dwar kultura tanġibbli għas-somma ta' madwar €10,000. Huwa semma li bħala Kunsill imisna napplikaw sabiex nagħmlu ktieb dwar il-Knisja Parrokkjali u sabiex isiru xi restawr ta' nkwatri li hemm fil-knisja.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

39.3.2 Fir-rigward tal-Inkwatru li qed jiġi restawrat, huwa qal li x-xogħol miexi sew u ladarba jkolna t-tielet rapport tal-proċess, inkunu nistgħu nibdew naħdmu fuq il-ktejjeb li għandu joħroġ fir-rigward ta' dan ir-restawr.

39.3.3 Is-Sindku kompla jgħid li kellu laqgħa mal-Ministeru tat-Turiżmu fir-rigward tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena fejn iddiskutew li l-flus li kienu ser jintefqu għar-restawr tal-Kappella tal-Grazzja minflok jintużaw sabiex isiru d-dwal ta' ġewwa kif ukoll ta' barra tas-Santwarju tal-Ħniena. Dan għad irid jiġi kkonfermat min-naħa tal-Ministeru tat-Turiżmu.

39.3.4 Is-Sindku tkellem dwar talba li saret sabiex isiru double yellow lines fi Triq l-iMqabba. Saret diskussjoni fir-rigward u ġie miftiehem li din għandha titressaq f'laqgħa oħra.

39.3.5 Is-Sindku tkellem dwar membership li l-Kunsill kien iħallas fir-rigward ta' Covenant of Mayor's (ECAD) fejn għal xi żmien ma kinitx qed tiġi mħalsa l-miżata annwali. Fl-accounts tal-Kunsill għadu jidher li dawn il-miżati għadhom pendenti minkejja li għaddew numru ta snin. Huwa ppropona li dawn jiġu *written off*. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

39.3.6 Is-Sindku nforma l-kamra li minħabba li l-Ġimgħa 25 ta' Frar ser isiru l-intervisti għall-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv, l-uffiċċju għal dakinhar ser ikun qed jiftaħ iktar tard mis-soltu u li ser jitwaħlu avviżi sabiex il-pubbliku ikun infurmat. Dan minħabba li preżentament id-Deputat Segretarju Eżekuttiv hija l-unika impjegata fl-uffiċċju u huwa obbligatorju li tkun preżenti waqt l-intervisti.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 39.4 TWEĠIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

39.4.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis ippreżentat il-ktejjeb li qed taħdem fuqu fir-rigward tal-ħarsien tal-annimali, li għandu jiġi ppubblikat fil-jiem li ġejjin.

39.4.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkelmet ukoll dwar il-possibilita' li fi Triq Filippu Zammit, fil-parti li tidjieq, isiru xi bollards minħabba li huwa kien hemm każ fejn karozza pruvat tgħaddi minnu. S-Sindku qal li huwa impossibbli li karozza tgħaddi minn dik id-djuqija u li l-proposta tagħha ser tiġi kkunsidrata.

39.4.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkelmet ukoll dwar id-dwal tal-Ġnien tal-Warda minħabba li qed idum ma jixgħel. Is-Sindku nfurmaha li dan qed jiġri minħabba li kull darba li jinqata d-dawl, it-timer qed jitlef is-setting tiegħu, pero li kieku r-residenti jinfurmawna minnufih dwar dan ma jkunx hemm dewmien sakemm dan jitranġa.

39.4.4 Il-Kunsilliera Marion Parnis saqsiet jekk kelniex risposta mill-Animal Welfare rigward ittra li ntbagħtet lilhom fir-rigward tal-pagamenti tal-VET. Hija ġiet informata li għad ma kelna ebda risposta.

## 39 .5 RAPPORTI

39.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti mill-Kunsillieri preżenti.

## 39.14 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

39.14.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Stephania Grixti resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €71,759.86 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 02/22 u €141.26 skont il-Petty Cash Ref Z/01.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

39.14.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn jiġu approvati waqt seduta li ser issir b'urġenza l-Ħamis 24 ta' Frar.

39.14.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis issekondat din il-proposta.

39.14.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 39.15 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

39.15.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-18:30 u ġiet aġġornata għat-Tlieta 29 ta' Marzu, 2022 fil-17:30.

**Stephania Grixti**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**